

Brussell, 7 ta' Marzu 2023
(OR. en)

6493/23

SOC 113
EMPL 72

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

1. Il-mandat tal-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ser jiskadi fil-31 ta' Marzu 2023¹.
2. Skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2019/127², il-mandat tal-membri u tal-membri supplenti għandu jkun ta' erba' snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġi mġedded.
Mal-iskadenza tal-mandat tagħhom jew fil-każ tar-riżenja tagħhom, il-membri u l-membri supplenti għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġġeddu l-ħatriet tagħhom jew sakemm jiġu ssostitwiti.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' April 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord Governattiv tal-Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound) (ĠU C 135, 11.4.2019, p. 1)

² Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74)

3. Skont l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2019/127, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija li jirrappreżentaw lill-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-impjegati u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem tal-Istati Membri jinħatru mill-Kunsill għal perjodu ta' erba' snin.
4. Il-listi tan-nomini tal-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija mġedded tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, li kienu waslu għand is-Segretarjat tal-Kunsill sal-15 ta' Frar, jinsabu fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dok. 6492/23³.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex:
 - (a) jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dok. 6492/23 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, bħala punt "A", u
 - (b) jiddeċiedi li jippubblika d-deċiżjoni għall-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ Test iffinalizzat mill-Ġuristi Lingwisti.